MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 167/2002/1

**Tekno Electronics Limited**

**vs**

**Auto Sales Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma li ghandha tigi likwidata minn din il-qorti rapprezentanti d-differenza fil-prezz li kienet tigi mhallsa mis-socjeta'**

**attrici ghall-akkwist tal-vettura Mercedes CLK 2.3 Kompressor Coupe' b'numru ta' registrazzjoni OOO 230 (qabel BBI 673), li kieku kienu jafu bl-ezistenza ta' difett fil-vettura li ntebhu bih recentement;**

**2. Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**3. Ghal finijiet ta' kompetenza, jigi dikjarat li l-atturi qeghdin jillimitaw it-talba taghhom ghal somma li ma teccedix Lm5,000.00,0;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-konjugi Mario u Jacqueline Camilleri u s-socjeta' attrici;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost is-societa' attrici kienet giet mitluba li ggib il-karozza in kwistjoni sabiex tigi ezaminata mis-socjeta' konvenuta izda naqset li taghmel dan u ghalhekk zgur li s-societa' konvenuta m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;**

**3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-atturi komplew juzaw il-karozza in kwistjoni;**

**4. Illi l-vettura ma kien fiha ebda difett fil-mument tal-bejgh;**

**5. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat il-verbal datat is-16 ta' Mejju tas-sena 2002 u dak datat id-19 ta' Gunju ta' l-istess sena, li permezz taghhom giet sorvolata l-ewwel eccezzjonijiet sollevata mis-socjeta' konvenuta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ezaminat ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku nominat;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi madwar is-sena 2000 is-socjeta' attrici kienet xtrat minghand is-socjeta' konvenuta komunement maghrufa bhala "Kinds" il-vettura prestiggjuza tal-marka Mercedes mudell CLK 230 Kompressor Coupe' bin-numru ta' registrazzjoni OOO 230 gia' BBI 673;**

**2. Illi jirrizulta li din il-vettura ma kinitx tintuza hafna u li wara sena hargilha s-sadid;**

**3. Illi mill-investigazzjonijiet li saru anke mis-socjeta' konvenuta stess mal-kumpanija estera taghha jirrizulta li l-vettura in dizamina kienet giet iddanneggjata b'xi mod waqt il-process ta' produzzjoni u giet sprejjata mill-gdid; (ara fol 14 u 18);**

**4. Illi dan l-ispray gdid ma jidhirx li kien sufficcjenti biex jostura d-difett ta' produzzjoni stante li baqa' johrog is-sadid;**

**5. Illi l-vettura de quo mhux biss hi wahda prestiggjuza izda hi wkoll wahda pjuttost ghalja;**

**6. Illi r-rapprezenant tas-socjeta' attrici responsabbli ghax-xiri ta' l-istess isostni bil-gurament li "…*ma kont nixtriha qatt kieku kont naf li din il-karozza giet sprejjata mill-gdid wara li kien irrizultalha***

***d-difett illi ammettiet l-istess dar ta' produzzjoni…"* (ara fol 14);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi skond l-espert tekniku nominat minn din il-qorti jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-vettura de quo kienet mizmuma sewwa u f'kundizzjoni sewwa hafna;**

**2. Illi f'parti mill-istess vettura indikata fil-paragrafu numru 4 tal-konkluzjonijiet ta' l-istess espert instab akkumulu ta' sadid li anke tfacca fuq il-parti ta' barra tal-mudguard;**

**3. Illi dan is-sadid ikkaguna hsara fil-vettura de quo billi nefah u gholla l-ispray;**

**4. Illi jirrizulta wkoll nuqqas ta' "rust protection" jew "underseal";**

**5. Illi jirrizulta wkoll li fuq l-istess parti involuta tal-vettura din kienet sprejjata wara li kienet gia' armata stante li jirrizulta xi ticpis ta' spray ghalkemm dan ma rreka l-ebda dannu lill-vettura de quo;**

**6. Illi t-tiswijiet involuti jinvolvu "depreciation" fil-valur globali tal-vettura de quo ta' madwar elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0);**

**Illi ma jezistux ragunijiet sufficjentement gravi ghalfejn dawn il-konkluzjonijiet m'ghandhomx jigu kollha milqugha;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi fit-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta issemmiet l-allegazzjoni li din is-socjeta' offriet il-possibilita' lis-socjeta' attrici li**

**ssewwi l-hsara involuta li kienet tammonta biss ghall-madwar mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), jew ftit anqas;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalkemm saret l-allegazzjoni indikata fil-paragrafu precedenti ma ngabet l-ebda prova fir-rigward;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjeta' fl-ammont ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta biex thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------